# Kuntrarju għal dak li qed tgħid l-FKNK, kien hemm qbil unanimu fl-Ornis biex titwaqqaf Wildlife Crime Unit

- **Digà ntbagħtet ittra mid-WBRU u ċ-Chairman tal-Kumitat ORNIS lis-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri f'dan ir-rigward**
- **U-turn mill-FKNK wara li kienet kostretta ċċedi għall-membri tagħha li ma jridux infurzar aħjar. Il-Federazzjoni tilfet kull kontroll fuq il-membri tagħha u kull kredibbiltà**

B'reazzjoni għall-aħħar stqarrija li ħarġet il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) illum, BirdLife Malta tixtieq tispjega li wara l-interventi tal-Ispettur Sheldon li jmexxi t-taqsima tal-Administrative Law Enforcement (ALE) tal-Pulizija u tas-Superintendent Curmi mid-Distrett ta' Għawdex, li t-tnejn li huma kienu mistiedna għal-laqgħa tal-Kumitat ORNIS ta' nhar l-Erbgħa 22 ta' Awwissu, iċ-Chairman talab l-approvazzjoni tal-membri kollha sabiex il-Kumitat jinforma lill-Ministeru tal-Ambjent li hemm bżonn li tinħoloq Wildlife Crime Unit fi ħdan il-Korp tal-Pulizija.

Kuntrarju għal dak li qed tgħid l-FKNK, il-membri kollha tal-Kumitat, inkluż dawk li jirrappreżentaw lill-FKNK stess, qablu unanimament ma' dan u fil-fatt l-ittra intbagħtet diġà lis-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri.

BirdLife Malta ssostni li din il-*u-turn* tal-FKNK hija riżultat tal-ilmenti ta' numru sostanzjali ta' membri tagħha li huma rrabjati li l-Federazzjoni qablet mat-twaqqif ta' Wildlife Crime Unit. Dan juri biċ-ċar li l-uffiċjali ta' din l-għaqda tilfu kull kontroll fuq il-membri u li l-FKNK illum qed titmexxa minn sezzjoni tal-membri tagħha li ma jridux titjib fl-infurzar, kuntrarju għal dak li jixtieq il-poplu Malti, inkluż kaċċaturi li josservaw il-ligijiet.

Huma biss dawk li jridu jkomplu jiksru l-liġi u jisparaw lejn tajr protett li għandhom motiv biex ma jitjiebx l-infurzar permezz tal-ħolqien ta' Wildlife Crime Unit. B'din il-pożizzjoni li qed tieħu l-FKNK, li hija simili għal meta allegat li l-qtil illegali taċ-Ċikonji Bojod huwa biss tort tal-Unjoni Ewropea, il-federazzjoni tal-kaċċaturi tilfet kull kredibbiltà kemm fuq livell lokali kif ukoll internazzjonali. L-FKNK illum tilfet kull kontroll fuq il-membri tagħha u qed turi li mhix kapaci żżomm sod fuq prinċipji li jrażżnu l-kaċċa illegali.



Fl-isfond ta' dan kollu, BirdLife Malta ttenni s-sejħa tagħha lill-Gvern biex jissospendi l-istaġun tal-kaċċa sal-15 ta' Ottubru filwaqt li jibda jippjana t-twaqqif ta' Wildlife Crime Unit fl-inqas żmien possibli.

Minkejja s-sejħa li saret aktar kmieni din il-ġimgħa, u li tgawdi l-appoġġ tal-għaqdiet ambjentali prinċipali f'Malta, l-istaġun tal-kaċċa tal-ħarifa fetaħ illum u se jibqa' miftuħ sal-31 ta' Jannar 2019.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli (agħfas fuqhom biex tiftaħ):**

- L-istqarrija li ħarġet l-FKNK aktar kmieni llum
- Is-sejħa li għamilna aktar kmieni din il-ġimgħa biex il-ftuħ tal-istaġun tal-kaċċa tal-ħarifa jiġi pospost sa nofs Ottubru
- Informazzjoni dwar l-istaġun u r-regolamenti tal-kaċċa

